




STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 79/24

il-Lussemburgu, 30 ta' April 2024

20 Anniversarju mill-Adeżjoni ta' 10 Stati mal-Unjoni Ewropea

Sabiex jiġi ċelebrat dan l-avveniment, ser jiġi organizzat simpożju nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2024 mid-9:00 sas-18:00 fil-Palazz tal-Qorti tal-Ġustizzja



Fl-1 ta' Mejju 2004, għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea: ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-

Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Dan it-tkabbir wiesa' fetaħ opportunitajiet lejn orizzonti ġodda ta' żvilupp u ta' integrazzjoni. Sabiex jiġi ċċelebrat l-20 anniversarju ta' dan l-avveniment storiku, ser jinżamm simpożju fit-3 ta' Mejju li ġej fil-Palazz tal-Qorti tal-Ġustizzja li fih ser jinżammu tliet sessjonijiet ta' xogħol.

Wara l-kliem ta' merħba għas-simpożju minn Ineta Ziemele, Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, id-diskors tal-ftuħ ser jingħata minn Koen Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-**ewwel sessjoni** ta' xogħol ser tkun iddedikata għall-istorja tal-ikbar tkabbir li l-Unjoni Ewropea qatt esperjenzat. Fil-kuntest ta' qabel l-adeżjoni, ser jissemmew il-kriterji li kellhom jiġu rrispettati (il-"kriterji ta' Kopenĥagen") sabiex l-Istati kandidati setgħu jimxu 'l quddiem b'mod uniformi lejn il-prinċipji fundamentali tal-integrazzjoni Ewropea li huma l-Istat tad-dritt, l-ekonomija tas-suq u l-pluraliżmu politiku. Iktar tard filgħodu, it-**tieni sessjoni** ta' xogħol ser tkopri l-kontribut tat-tkabbir tal-2004 għall-iżvilupp tal-Unjoni bħala "Unjoni ta' valuri"; il-valuri komuni, li huma stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiddefinixxu l-identità tal-Unjoni bħala sistema legali komuni. Waranofsinhar, it-**tielet sessjoni** ta' xogħol ser tkun iddedikata għar-regolamentazzjoni ekonomika tal-Unjoni Ewropea, bl-għan li jiġi esplorat kif, matul dawn l-aħħar 20 sena, id-dritt tal-Unjoni żgura, taħt il-kontroll tal-qrati tal-Unjoni, il-koerenza u l-konverġenza tal-ekonomiji nazzjonali tal-Istati Membri l-ġodda fl-Unjoni.

Personalitajiet għolja mid-dinja ġuridika, politika u diplomatika ser jipparteċipaw f'dan is-simpożju bħala intervenjenti.

L-avveniment ser jixxandar b'mod dirett u sħiħ fis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja:

https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_4335226/mt/.

[Hawnhekk](#) issib l-informazzjoni dwar is-simpożju.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!

